MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Numru. 565/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen J. Gatt)**

**Vs**

**EMAD EDDIN SALEM ALFALAH ta' 36 sena, iben Alfalah imwieled il-Libya fis-17 ta' Novembru 1970 u joqghod f'indirizz mhux fiss li ghandu karta ta'l-identita' 18053(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Emad Eddin Salem Alfalah fejn huwa gie akkuzat talli fl-4 ta' Lulju 2007 ghal habta tat-8:00p.m. gewwa ix-Xatt tas-Sliema:

1. ikkometta serq ta' xibka ta' vettura Volkswagen Passat FBM899 ghad-dannu ta' Cenk Kahraman u Finanzbank (Malta) Limited, liema serq huwa ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa.
2. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, nies inkarigati minn servizz pubbliku jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirhom billi ma hallihomx jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew setghu jaghmlu jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li kienu ghamlu skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun.
1. talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi wara li kie gie ikkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' oggetti li ma kenux tal-kundizzjoni tieghu minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu, inkella instabu ghandu imfietah, imqabblin jew iffalsifikati jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi jew instabu ghandu forom ta' serraturi minghajr ma ta' kont sodisfacenti ghal liema skop legittimi ghandu dak iz-zmien.

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat l-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi migjuba mill-prosekuzjoni irrizulta illi kien wara rapport anonimu fejn il-pulizija gew nfurmati li kien hemm persuna qed tbaghbas ma' vettura gewwa The Strand, f'Tas Sliema illi huma wasslu sabiex arrestaw lill-imputat. Fil-fatt meta gie imwaqqaf mill-pulizija waqt li kien qieghed jippassigga gewwa tas-Sliema, f'idejn l-imputat kien hemm basket tal-plastic li fih kien hemm dina ix-xibka. L-informazzjoni moghtija fir-rapport kienet taqbel perfettament mal-persuna ta'l-imputat li kien libes il-hwejjeg li gew deskritti lill-pulizija, kif ukoll kien hemm qbil

perfettament ma'l-informazzjoni moghtija illi l-imputat kien qieghed igorr basket li kien fih dina ix-xibka. Inoltre skond ix-xhieda ta' PS 524, waqt illi huwa beda jipprova jarrestah, l-imputat tefaghlu xi birra minn bott li kellu f'idejh f'dak il-hin u ipprova jirresisti l-arrest, izda il-pulizija tefghu ma'l-art u imannettawh u fil-process l-imputat sofra xi griehi.

Illi l-imputat min-naha tieghu isostni illi huwa bl-ebda mod ma seraq ix-xibka in kwistjoni, izda isostni illi kull ma ghamel kien li taha daqqa ta' sieq u waqghet fl-art. Izda filwaqt illi fl-istqarrija tieghu l-imputat ighid illi huwa ta daqqa ta' sieq lil din ix-xibka f'mument ta' rabbja peress illi weggha l-istess sieq li kien weggha ftit tal-granet qabel u fil-pront waqqfuh il-pulizija, fix-xhieda tieghu, imbaghad isostni illi huwa taha daqqa ta' sieq lil din ix-xibka bir-rabbja u baqa' miexi sabiex jaqbad il-karozza tal-linja u kien f'dana il-mument li waqqfuh il-pulizija. Illi l-imputat jichad illi huwa kellu ix-xibka fil-basket tal-plastic li kien qieghed igorr ghalkemm il-pulizija li arrestawh isostnu il-kontra u jispjega illi l-ghodda li kien qieghed igorr fuqu u cioe' l-alan key u it-turnavit huwa kien ser juzahom sabiex isewwi il-magna tal-hjata tal-mara tieghu.

Illi l-Qorti ma tistax temmen bl-ebda mod il-verzjoni li jaghti l-imputat tal-fatti kif graw, la dik esposta fl-istqarrija tieghu u wisq anqas dik moghtija fix-xhieda tieghu. Illi l-informazzjoni moghtija lill-pulizija kienet taqbel perfettament mad-deskrizzjoni ta'l-imputat, tant illi meta marru fuq il-post il-pulziija mal-ewwel irnexxielhom jirrintraccaw lill-imputat. Inoltre fil-basket tal-plastic li kien qieghed igorr, instabet ix-xibka in kwistjoni li l-imputat gie irraportat li kien qieghed jisraq. (ara xhieda ta' PC40 Raymond Saliba u PS524 Paul Cassar) Finalment fid-dawl ta' dan il-kwadru ta' fatti, anke l-ghodda li instabu fil-pussess ta'l-imputat flimkien max-xibka, u cioe' l-alan key u t-turnavit, iktar isahhu il-konvinzzjoni ta' dina l-Qorti illi l-imputat ma kien qieghed jaghmel xejn hlief li jisraq ix-xibka in kwistjoni u li dina l-ghodda kienet qed tingarr minnu sabiex tintuza ghal dan il-ghan.

Illi inoltre mix-xhieda irrizulta illi l-imputat ma obdiex l-ordinijiet tal-pulziija tant illi meta is-surgent mar sabiex ikellmu, huwa ipprova jahrab u hekk kif is-surgent mar izommu, l-imputat attakkah b'bott birra li kellu f'idejh, tant illi lill-ufficjal tal-pulizija spicca mimli bil-birra. Ghalhekk l-imputat kellu jispicca imanettjat u arrestat u fil-kors ta'l-arrest spicca sofra il-griehi indikati fid-Dokument ES5.

Finalment ghar-rigward ta'l-ahhar akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat, kif diga gie isottolinjat iktar 'il fuq, l-Qorti ma tistax temmen lill-imputat meta jispjega illi it-tornavit u l-alan key li kien qieghed igorr fuqu kien ser juzhom sabiex isewwi il-magna tal-hjata tal-mara tieghu. Qabel xejn jirrizulta mill-provi migjuba illi hemm proceduri ta' separazzjoni pendenti bejn l-imputat u martu u dana kif jirrizulta mix-xhieda stess ta'l-imputat, tant illi fiz-zmien tal-kummissjoni ta' dana ir-reat, l-imputat kien gie allontanat mid-dar matrimonjali permezz ta' digriet tal-Qorti. Illi ma hemmx dubbju illi dawna l-ghodda ghalhekk gew uzati mill-imputat sabiex ikun jista' jisraq ix-xibka mertu tal-kawza u ghal xejn iktar, tant illi kemm l-ghodda kif ukoll ix-xibka instabu f'basket wiehed.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(g), 271(g), 281, 338(ee) u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Emad Eddin Salem Alfalah, hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmien xhur prigunerija, minn liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------